DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu 2014

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34572 (13/C) (*ex* 13/NN) implimentata mill-Ġreċja għal Larco General Mining & Metallurgical Company S.A.

(notifikata bid-dokument C(2014) 1818)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/539/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ([1]),

Billi:

1. **PROĊEDURA**

(1) Fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku tagħha, il-Greċja impenjat ruħha fi programm ta' privatizzazzjoni. ([2]) Larco General Mining & Metallurgical Company S.A. ("Larco") ġiet immarkata bħala kumpanija proprjetà tal-Istat għall-privatizzazzjoni.

(2) F'Marzu 2012 il-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika ("HRADF") ([3]) informa lill-Kummissjoni dwar il-privatizzazzjoni proposta ta' Larco. Sabiex jiġi ċċarat jekk jistax ikun hemm xi kwistjonijiet tal-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-proġett ta' privatizzazzjoni, il-Kummissjoni fetħet każ *ex officio* u bdiet valutazzjoni preliminari f'April 2012.

(3) Fil-kuntest ta' dawn id-diskussjonijiet, sar evidenti mit-tweġiba tal-awtoritajiet Griegi għal kwestjonarju fis-16 ta' Marzu 2012 li Larco kienet diġà bbenefikat minn miżuri tal-Istat. Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni permezz ta' ittri elettroniċi datati t-18 ta' April 2012, l-24 ta' April 2012, il-5 ta' Lulju 2012, it-22 ta' Awwissu 2012 u s-7 ta' Diċembru 2012, u permezz ta' ittri tal-4 ta' Mejju 2012 u l-14 ta' Jannar 2013, li l-awtoritajiet Griegi rrispondew għalihom fl-20 ta' April 2012, is-26 ta' April 2012, it-3 ta' Ottubru 2012, it-13 ta' Novembru 2012, il-15 ta' Novembru 2012, is-7 ta' Diċembru 2012, l-24 ta' Diċembru 2012 u t-18 ta' Jannar 2013. Laqgħat bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi seħħew fit-30 ta' April 2012 u l-11 ta' Settembru 2012 f'Ateni u fil-25 ta' Jannar 2013 fi Brussell.

(4) Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Marzu 2013 ("id-Deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013"), il-Kummissjoni infurmat lill-Greċja li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' għajnuna deskritti fit-taqsima 2.2. hawn taħt ("il-proċedura ta' investigazzjoni formali").

([1]) ĠU C 136, 15.5.2013, p. 27

([2]) Ara t-*Tieni Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja — L-ewwel Rieżami Diċembru 2012*, http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/occasional_paper/2012/pdf/ocp123_en.pdf.

([3]) Il-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika (HRADF) huwa entità S.A. stabbilita fl-1 ta' Lulju 2011 sabiex jamministra l-proċess ta' privatizzazzjoni.

(5) Id-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Griegi u l-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżuri ta' għajnuna.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Griegi fit-30 ta' April 2013. Hija ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati.

(7) Permezz ta' ittra elettronika tal-21 ta' Jannar 2014, l-awtoritajiet Griegi infurmaw lill-Kummissjoni li huma qablu mal-adozzjoni tad-deċiżjoni bl-Ingliż.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA

2.1. Il-benefiċjarju

(8) Larco hija speċjalizzata fl-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' minerali tal-laterit, l-estrazzjoni tal-linjite u l-produzzjoni ta' ferronikil u prodotti sekondarji. L-attivitajiet tagħha jinkludu l-esplorazzjoni, l-iżvilupp, l-estrazzjoni, it-tidwib u n-negozju tal-prodotti tagħha madwar id-dinja. Larco hija waħda mill-akbar produtturi tal-ferronikil fid-dinja. Fl-2012 kellha 960 impjegat, u għalhekk ikkwalifikat bħala intrapriża kbira. ([5])

(9) Fiż-żmien tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, 55,2 % tal-ishma ta' Larco kienu proprjetà tal-Istat Grieg permezz ta' HRADF, 33,4 % mill-Bank Nazzjonali tal-Greċja S.A. ("NBG", istituzzjoni finanzjarja privata) u 11,4 % minn Public Power Corporation S.A. ("PPC", il-produttur tal-elettriku stabbilit fil-Greċja, li l-Istat huwa l-azzjonist maġġoritarju tiegħu).

(10) Larco topera impjant tat-tidwib f'Larymna, fiċ-ċentru tal-Greċja. Larco għandha d-drittijiet ta' tħaffir f'varji postijiet fil-Greċja fi gruppi ta' erbgħa: il-mini ta' Agios Ioannis (ħdejn Larymna), il-mini ta' Evia, il-mini ta' Kastoria u l-mina tal-linjite ta' Servia.

(11) Larco ġiet stabbilita fl-1989 bħala entità korporattiva ġdida wara l-likwidazzjoni ta' Hellenic Mining and Metallurgical S.A. ta' Larymna ("Larco l-Antika"). Larco l-Antika għadha taħt likwidazzjoni, iżda l-assi tagħha kienu ġew kontribwiti lil Larco flimkien mal-obbligazzjonijiet korrispondenti fl-1989. Larco l-Antika għalhekk hija kreditur ta' Larco.

2.2. Deskrizzjoni tal-miżuri

2.2.1. *Miżura 1: Nuqqas ta' ġbir tad-dejn lill-Ministeru tal-Finanzi*

(12) F'April 1998, intlaħaq ftehim ta' saldu tad-dejn bejn Larco u l-krediturі ewlenin tagħha, jiġifieri Larco l-Antika, il-PPC u l-Istat Grieg. Skont il-ftehim tal-1998, l-obbligazzjonijiet ta' Larco lil dawn il-krediturі suppost kellhom ikunu trattati b'interess ta' 6 % *per annum* ("p.a."). Madankollu, id-dejn lill-Istat Grieg baqa' stabbli jew żdied kemxejn minn tal-inqas mill-2004 ([6]) mentri d-dejn lil PPC u Larco l-Antika ġie eliminat jew imnaqqas ([7]).

(13) Għalhekk jidher li l-Istat tratta l-kreditu tiegħu lil Larco b'mod differenti miż-żewġ krediturі l-oħra.

2.2.2. *Miżura 2: Il-garanzija tal-Istat tal-2008*

(14) Fit-22 ta' Diċembru 2008, l-Istat ipprovda garanzija għal self ta' EUR 30 miljun minn ATE Bank lil Larco. Il-garanzija kopriet 100 % tas-self sa tliet snin u kellha primjum ta' garanzija ta' 1 % p.a.

2.2.3. *Miżura 3: Iż-żieda kapitali tal-2009*

(15) Fl-2009, fid-dawl tal-ekwità negattiva tagħha, il-Bord tad-Diretturi ta' Larco ppropona, u tliet azzjonisti approvaw, żieda fil-kapital azzjonarju ta' EUR 134 miljun. Madankollu, l-Istat Grieg biss eżerċita d-drittijiet tiegħu b'mod sħiħ, filwaqt li NBG eżerċita d-drittijiet tiegħu parzjalment u PPC ma pparteċipat xejn fiż-żieda fil-kapital azzjonarju. L-ebda azzjonist ġdid ma kkontribwixxa għaż-żieda fil-kapital azzjonarju.

([4]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.
([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar it-tifsira ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124 20.5.2003 p. 36).
([6]) Fl-2004 kien EUR 10,3 miljun u ilu jiżdied b'mod kostanti, filwaqt li laħaq EUR 13,5 miljun fl-2011.
([7]) PPC: EUR 39 miljun fl-2004, żero fl-2011; Larco l-Antika: EUR 48,3 miljun fl-2007, EUR 43,8 miljun fl-2011.

(16) Iż-żieda fil-kapital azzjonarju reali kienet tammonta biss għal EUR 65,5 miljun, bl-Istat jikkontribwixxi madwar EUR 45 miljun (69 % tal-injezzjoni ta' kapital totali) u NBG EUR 20,5 miljun (31 %). Minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina ta' Larco, jidher li ż-żieda fil-kapital ma kinitx ibbażata fuq pjan ta' ristrutturar biex jerġa' jkun hemm vijabilità tal-kumpanija, filwaqt li NBG jidher li ħassar il-valur kontabilistiku tal-kumpanija "*għax il-Grupp ma jbassarx li jirkupra l-valur kontabilistiku tal-investiment, peress li l-kumpanija tiltaqa' ma' diffikultajiet finanzjarji sinifikanti*" ([8]) (ara l-premessa 45 tad-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013).

2.2.4. *Miżura 4: Il-garanzija tal-Istat tal-2010*

(17) Fl-10 ta' Mejju 2010 l-Istat ipprovda garanzija, li tkopri ittra ta' garanzija li NBG jipprovdi lil Larco għall-ammont ta' madwar EUR 10,8 miljun. Il-garanzija kopriet 100 % tal-ittra ta' garanzija u kellha tul mhux definit u primjum ta' garanzija ta' 2 % p.a.

2.2.5. *Miżura 5: Ittri ta' garanzija minflok ħlas bil-quddiem ta' multa fiskali fl-2010*

(18) Fl-2010 l-awtoritajiet tat-taxxa Griegi vverifikaw ir-rapporti finanzjarji ta' Larco u ċaħdu t-trattament kontabilistiku ta' ċertu telf li jirriżulta minn kuntratti ta' kopertura għall-prezz tan-nikil. Bħala riżultat ta' reġistrazzjoni mhux veritiera tat-telf, ġiet imposta multa fiskali ta' EUR 190 miljun. ([9])

(19) Larco sussegwentement ikkontestat l-impożizzjoni tal-multa fiskali fil-qrati Griegi. Skont il-liġi Griega, ([10]) entità responsabbli għal multa fiskali għandha tħallas bil-quddiem 25 % tal-ammont inkwistjoni, sabiex tikkontesta l-impożizzjoni tal-multa fiskali fil-qorti (f'dan il-każ, 25 % jammonta għal EUR 47 miljun).

(20) Madankollu, fil-każ ta' Larco, qorti amministrattiva Griega ddeċidiet li ttaffi lill-kumpanija mill-obbligu li tħallas bil-quddiem il-25 % tal-multa fiskali, u bidlitu bl-obbligu li tiddepożita ittri ta' garanzija ta' EUR 1,5 miljun.

2.2.6. *Miżura 6: Il-garanziji tal-Istat tal-2011*

(21) Fit-30 ta' Diċembru 2011, l-Istat ipprovda żewġ garanziji għal żewġ selfiet ta' EUR 30 miljun u EUR 20 miljun minn ATE Bank. Wieħed mis-self (ta' EUR 20 miljun) kien għadu ma tħallasx fiż-żmien meta ngħatat il-garanzija. Il-garanziji pprovdew kopertura ta' 100 % u kellhom primjum ta' 1 % p.a..

2.3. **Raġunijiet li wasslu għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali**

(22) Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, (il-premessi 18 sa 25), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li Larco setgħet tkun ikkunsidrata bħala ditta f'diffikultà fit-tifsira tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ([11]) mill-2007. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li s-sitt miżuri kollha kkostitwixxew għajnuna mill-Istat u hija esprimiet dubji fir-rigward tal-kompatibilità tagħhom mas-suq intern.

(23) Jekk il-miżuri identifikati kellhom jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, kienu jiġu mogħtija bi ksur tan-notifika u tal-obbligi standstill stabbiliti fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. **KUMMENTI MILL-GREĊJA**

3.1. **Ditta f'diffikultà**

(24) Fil-kummenti tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li Larco ma kinitx ditta f'diffikultà matul is-snin 2008 u 2009, minħabba li t-telf irreġistrat kien minħabba t-tnaqqis tal-prezz globali tal-ferronikil matul dawk is-snin. L-awtoritajiet Griegi sostnew li Larco ilha ditta f'diffikultà mill-2010 biss.

([8]) Nota 24: Parteċipazzjoni f'kumpaniji relatati

([9]) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw sussegwentement li l-miżura inkwistjoni tikkonċerna taxxa addizzjonali, iktar milli multa fiskali. Għalhekk, il-Miżura 5 hija mifhuma li tirreferi għal taxxa addizzjonali u mhux għal multa fiskali, kif imsemmi b'mod żbaljat fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013.

([10]) Il-liġi tal-Kodiċi tat-Tassazzjoni tad-Dħul Griega 2238/1994 (Gazzetta Uffiċjali FEK A/151/16.09.94), l-Artikolu 74(9).

([11]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Il-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

3.2. **Miżura 1: Nuqqas ta' ġbir tad-dejn lill-Ministeru tal-Finanzi**

(25) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-kreditu tal-Istat lejn Larco ma kienx jammonta għal riżorsi tal-Istat, peress li oriġinarjament kien kreditu privat provdut mill-Organisation for Entreprise Restructuring S.A. ("OER"). Meta l-OER ġiet likwidata, skont il-Liġi 2741/1999, il-pretensjonijiet kollha tagħha ġew trasferiti lill-Istat.

(26) Barra minn hekk, huma spjegaw li l-ftehim ta' saldu tad-dejn tal-1998 kien jinkludi regoli speċifiċi għat-trattament u l-ġbir ta' dejn pendenti li jkunu applikabbli fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja kif ġej:

a. kieku Larco kellha qligħ matul sena finanzjarja, l-imgħax dovut (6 % p.a.) kien jitħallas lura lill-krediturі l-ewwel, qabel il-ħlas lura tal-prinċipju tad-dejn;

b. wara kwalunkwe ħlas lura ta' imgħax, Larco iżżomm ċertu ammont mill-profitti għal investimenti;

c. Wara l-applikazzjoni ta' (a) u (b), kull profitt li jifdal fil-kontijiet ta' Larco jiġi allokat proporzjonalment lill-krediturі ta' Larco.

(27) Kieku Larco ma għamlet l-ebda profitt wara l-1999, il-krediturі kellhom id-dritt li jsegwu l-ħlas lura tad-dejn tagħhom permezz ta' diversi mezzi, bħal li jikkunsidraw il-ħlas dovut, jisfruttaw id-dejn eċċ. Madankollu, il-krediturі ma kinux intitolati għall-ebda eżekuzzjoni furzata tad-dejn pendenti, bħas-sekwestru tal-assi tal-kumpanija jew l-obbligu tat-tnedija tal-proċedura ta' falliment kontra l-kumpanija.

(28) Sal-2003, il-krediturі rċevew l-imgħax dovut, kif kien miftiehem. Għall-perjodu 2004-2007, Larco ma għamlet l-ebda profitt u għalhekk ma kienx hemm ħlas lura tal-imgħax dovut. Fl-2007 PPC ikkonkludiet ftehim ta' materja prima ma' Larco, li qablu miegħu l-krediturі kollha, fejn Larco pprovdiet lil PPC bil-linjite, li naqqset id-dejn skont dan. Id-dejn għal PPC kien eliminat għal kollox fl-2011.

(29) L-amministratur ta' Larco l-Antika ilu jwettaq il-ġbir tad-dejn permezz ta' mezzi ġudizzjarji u jidher li ċerti ammonti tħallsu diġà. Sal-2011, Larco l-Antika kienet ġabret EUR 5 miljun tad-dejn pendenti tagħha skont il-ftehim tal-1998. Peress li Larco l-Antika għandha djun mal-Istat Grieg ukoll, dan tal-aħħar ġabar l-ammont kollu ta' dawk EUR 5 miljun.

(30) Fir-rigward tad-dejn dirett ta' Larco lill-Istat Grieg, l-Istat bagħat regolarment fatturi għall-ammont annwali tad-dejn, inkluż l-imgħax annwali dovut, lil Larco.

(31) Għalhekk, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li d-dejn li joħroġ mill-ftehim tal-1998 ma setgħax jammonta għal riżorsi tal-Istat u fi kwalunkwe każ li ma kien hemm l-ebda vantaġġ selettiv favur Larco.

3.3. **Miżura 2: Il-garanzija tal-Istat tal-2008**

(32) L-awtoritajiet Griegi invokaw l-Avviż tal-Garanzija ([12]) u b'mod partikolari t-taqsima 3.2 tal-Avviż, li tinkludi l-kundizzjonijiet, li taħthom il-Kummissjoni tista' teskludi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat f'garanzija individwali. Skont l-awtoritajiet Griegi:

a. Larco ma kinitx ditta f'diffikultà fiż-żmien li ngħatat il-garanzija;

b. il-firxa tal-garanzija setgħet titkejjel b'mod xieraq meta ngħatat;

c. il-garanzija ngħatat għal titolu ta' dejn (self obbligazzjonarju), u għalhekk setgħet tkun aktar minn 80 % tas-self pendenti;

d. il-primjum ta' 1 % imħallas għall-garanzija kien prezz orjentat għas-suq, li jirrifletti l-kapaċità finanzjarja ta' Larco.

(33) Għalhekk, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-garanzija tal-Istat tal-2008 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(34) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-miżura 2 kienet mogħtija permezz tad-deċiżjoni ministerjali YA 2/93378/0025 datata t-22 ta' Diċembru 2008 u kopriet l-ammont eżatt ta' EUR 30 000 000:

([12]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal Għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155 20.6.2008, p. 10).

3.4. **Miżura 3: Iż-żieda kapitali tal-2009**

(35) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żieda kapitali kienet maħsuba biex jiġi protett il-valur tal-kumpanija, fid-dawl tal-privatizzazzjoni tagħha li ġejja u sabiex jiġi implimentat pjan ta' ristrutturar. Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Istat ikkunsidra t-tkabbir potenzjali ta' Larco, il-valur tal-assi tagħha u s-sitwazzjoni ġenerali fis-suq tal-ferronikil kif ukoll miżuri ta' ristrutturar u ta' tnaqqis tal-ispejjeż.

(36) NBG ikkontribwiet 31 % taż-żieda kapitali. Għall-kuntrarju tal-Istat NBG iddeċiediet li teżerċita d-drittijiet tagħha parzjalment biss. L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-għan ta' NBG kien li żżomm ċertu kontroll fuq il-kumpanija u b'hekk l-azzjonijiet tagħha ma għandhomx jitqiesu bħala nuqqas ta' fiduċja fil-futur ta' Larco. Tabilhaqq, NBG naqqset il-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha f'Larco għall-minimu meħtieġ skont il-liġi Griega sabiex ikollha *veto* fuq ċerti deċiżjonijiet importanti fil-Bord tad-Diretturi.

(37) It-tielet azzjonist, PPC, espliċitament iddeċidiet li ma tipparteċipax fiż-żieda kapitali, filwaqt li aċċettat li l-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha tkun dilwita. L-awtoritajiet Griegi argumentaw li PPC ma pparteċipatx minħabba li l-intenzjoni tagħha kienet li tippermetti lill-Istat li jkollu maġġoranza azzjonarja ikbar, fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpanija.

(38) Bħala konklużjoni, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-Istat aġixxa bħala investitur fl-ekonomija tas-suq u li, għalhekk, iż-żieda kapitali tal-2009 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(39) Fir-rigward tad-data tal-għotja, l-awtoritajiet Griegi ma pprovdewx informazzjoni konklussiva. Il-minuti tal-laqgħa tal-azzjonisti juru li l-Istat Grieg ipprovda EUR 15 000 000 lejn iż-żieda kapitali fil-15 ta' April 2009, permezz tad-dokument Οικ2/27694/0025 tal-Ministeru tal-Finanzi fid-dawl tal-kontribut totali tal-Istat għaż-żieda fil-kapital azzjonarju, li ammonta għal EUR 44 999 999,40. Id-dikjarazzjoni finanzjarja tal-2009 ta' Larco turi li ż-żieda kapitali ġiet deċiża fl-14 ta' Mejju 2009, iżda ma tiċċarax meta saret l-injezzjoni reali tal-kapital il-ġdid.

3.5. **Miżura 4: Il-garanzija tal-Istat tal-2010**

(40) L-awtoritajiet Griegi spjegaw li fil-kuntest tal-ftehim tal-1998, Larco l-Antika kienet qed issegwi l-ħlas lura tad-dejn ta' Larco fil-qrati Griegi u kien hemm sensiela ta' sentenzi tal-qorti u annullamenti, *inter alia* rigward dejn ta' madwar EUR 10,5 miljun. ([13])

(41) Fil-kuntest ta' appell minn Larco u minħabba l-periklu ta' ħsara irreparabbli, il-Qorti Suprema Griega ssospendiet il-ħlas tad-dejn ta' madwar EUR 10,5 miljun, sas-sentenza finali mill-qorti rilevanti. Is-sospensjoni ngħatat bil-kundizzjoni li Larco tipprovdi ittra ta' garanzija lil Larco l-Antika għall-ammont sospiż. NBG provdiet l-ittra ta' garanzija għal madwar EUR 10,8 miljun (EUR 10,5 miljun tad-dejn oriġinarjament ikkontestat + EUR 0,3 miljun għal miżati u spejjeż legali) lil Larco. L-ittra ta' garanzija min-naħa tagħha kienet koperta b'garanzija mill-Istat għall-ammont sħiħ ma' primjum ta' 2 % p.a. għal perjodu mingħajr limitu.

(42) L-awtoritajiet Griegi spjegaw li dik il-miżura kienet provduta mill-Istat bħala azzjonist bl-intenzjoni li jwettaq il-kundizzjonijiet tas-sospensjoni u li jħares l-investiment tiegħu minn djun iddikjarati bħala mhux imħallsa. Inkella, is-sospensjoni ma kinitx tkun applikabbli u Larco l-Antika kien ikollha d-dritt li tfittex il-ġbir tad-dejn, possibbilment billi tissekwestra l-assi ta' Larco. Larco setgħet imbagħad issir insolventi. Skont l-awtoritajiet Griegi, NBG ma kinitx tagħti l-ittra ta' garanzija mingħajr il-garanzija tal-Istat.

(43) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-miżura 4 ngħatat permezz tad-deċiżjoni ministerjali YA 2/923/0025 datata l-10 ta' Mejju 2010 u kopriet l-ammont eżatt ta' EUR 10 510 824,95 u EUR 310 000 għal miżati u spejjeż legali, b'hekk b'kollox EUR 10 820 824,95.

3.6. **Miżura 5: Ittri ta' garanzija minflok ħlas bil-quddiem ta' multa fiskali fl-2010**

(44) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-miżura inkwistjoni tikkonċerna taxxa addizzjonali, iktar milli multa fiskali. It-taxxa addizzjonali ġiet imposta minħabba li l-awtoritajiet fiskali ma qablux li t-telf li jirriżulta minn kuntratti ta' kopertura għandu jitnaqqas mid-dħul nett ta' Larco, kif argumentat Larco. L-awtoritajiet Griegi ddikjaraw ukoll li Larco kienet mitluba mill-qorti biex tipprovdi ittri ta' garanzija ta' valur totali ta' EUR 4,7 miljun.

([13]) Skont Larco l-Antika, dan jirrappreżenta l-imgħax dovut għall-prinċipju rikonoxxut mill-ftehim tal-1998.

(45) L-awtoritajiet Griegi pprovdew evidenza li Larco kienet awtorizzata tibdel il-ħlas bil-quddiem tat-taxxa addizzjonali permezz ta' ittri ta' garanzija fuq il-bażi ta' dispożizzjoni ġuridika ġenerali. Is-sentenza tal-qorti li tippermetti lil Larco tibdel il-ħlas bil-quddiem tat-taxxa addizzjonali permezz ta' ittri ta' garanzija, skont il-liġi nazzjonali, ([14]) applikat test ta' bilanċ, filwaqt li qieset il-benefiċċji tal-kreditur (l-Istat) u l-vijabilità tad-debitur (Larco) u għalhekk iddeċidiet dwar is-sospensjoni temporanja tal-obbligu li jitħallas bil-quddiem EUR 47 miljun (jiġifieri 25 % tat-taxxa addizzjonali), billi tibdlu b'ittri ta' garanzija ta' EUR 4,7 miljun b'kollox. Din is-sospensjoni kellha tapplika sakemm tingħata sentenza finali, fir-rigward tat-tilwima mressqa minn Larco kontra l-Istat għall-impożizzjoni tat-taxxa addizzjonali.

(46) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li d-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali ma jistgħux ikunu imputabbli lill-Istat.

(47) L-awtoritajiet Griegi spjegaw ukoll li, minkejja s-sospensjoni temporanja, l-Istat fil-prattika kien ħassar l-effett finanzjarju ta' dik is-sospensjoni, billi kkumpensa t-taxxa addizzjonali dovuta minn Larco kontra ammonti dovuti mill-Istat lil Larco, bħat-taxxa fuq l-introjtu jew d-denunzji tal-VAT. Dan ġie permess mil-leġiżlazzjoni reċenti biex jitħaffef il-ġbir tat-taxxi fil-Greċja.

(48) Għalhekk, l-Istat kien fil-fatt jidher li diġà ġabar mill-inqas EUR 16,1 miljun tal-ammont dovut fir-rigward tal-ħlas minn qabel tat-taxxa addizzjonali ta' Larco.

3.7. **Miżura 6: Il-garanziji tal-Istat tal-2011**

(49) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-ebda waħda miż-żewġ selfiet li għalihom il-garanziji ġew provduti ma kienet imħallsa. Is-self ta' EUR 20 miljun li ġie pprovdut minn ATE Bank bħala rifinanzjament ta' self iktar antik ta' EUR 20 miljun, li kien għadu ma tħallasx.

(50) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li ż-żewġ garanziji mill-Istat ma kinux jinvolvu riżorsi tal-Istat, billi l-Istat kellu jagħti EUR 60 miljun lil Larco mid-denunzji tal-VAT. B'hekk, jekk il-garanziji ssejħu, l-ammonti jistgħu jikkumpensaw id-dejn pendenti mill-Istat.

(51) L-awtoritajiet argumentaw ukoll li, kieku l-miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna, din għandha titqies kompatibbli mas-suq intern, minħabba li kienet konformi mal-Qafas Temporanju ([15]) u l-iskema Griega temporanja rilevanti għal garanziji għal self ("sistema temporanja ta' garanzija"). ([16]) B'mod partikolari, l-awtoritajiet ikkunsidraw li, minbarra l-fatt li Larco kienet ditta f'diffikultà meta ngħatat il-miżura, il-kundizzjonijiet l-oħra tal-iskema ġew issodisfati:

a. Larco kienet kumpanija kbira;

b. is-self ta' EUR 30 miljun kien self ta' investiment, filwaqt li s-self ta' EUR 20 miljun kien self ta' rifinanzjament ta' self aktar antik, li kien mogħti għal skopijiet ta' investiment;

c. il-garanziji kienu mogħtija qabel tmiem l-2011;

d. l-ammont totali taż-żewġ selfiet garantiti qabżu l-kont annwali tal-pagi ta' Larco bi EUR 3 miljuni biss;

e. il-garanziji koprew 100 % tas-self, iżda tali miżura kienet l-unika possibbiltà ta' Larco biex ikollha aċċess għall-finanzjament, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tal-ekonomija Griega.

f. il-garanziji kienu jinkludu primjum ta' 1 % p.a., li għandu jitqies bħala primjum tas-suq.

(52) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li jekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura tikkostitiwixxi għajnuna u li l-kundizzjonijiet tas-sistema temporanja ta' garanzija ma ġewx issodisfati, il-miżuri għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna ta' salvataġġ. Din l-għajnuna kellha tiġi kkunsidrata bħala notifikata, peress li l-Kummissjoni saret taf bil-miżura fit-tweġiba tas-16 ta' Marzu 2012 għall-kwestjonarju, meta kienet fl-istadju tal-investigazzjoni preliminari *ex officio*.

(53) Skont l-awtoritajiet Griegi, l-għajnuna kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, peress li:

a. kienet appoġġ ta' likwidità fil-forma ta' garanziji għal self;

b. kienet ġustifikata minn diffikultajiet soċjali serji u ma kellha l-ebda effett negattiv mhux mixtieq fi Stati Membri oħra;

([14]) L-Artikoli 200-205 tal-Kodiċi tal-Proċeduri Amministrattivi.
([15]) Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1).
([16]) N 308/09, adottata fit-30 ta' Ġunju 2009.

c. l-awtoritajiet Griegi kienu qed iħejju pjan ta' ristrutturar b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni;

d. hija kienet ristretta għall-ammont meħtieġ biex id-ditta tibqa' fin-negozju għal perjodu limitat;

e. hija rrispettat il-kundizzjoni ta' "darba waħda, l-aħħar darba", peress li Larco ma kinitx soġġetta għal għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar fil-passat;

f. Larco ppreżentat pjan ta' direzzjoni tan-negozju lill-Istat, li jiġġustifika l-bżonn tal-finanzjament ta' EUR 30 miljun għall investimenti.

(54) L-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-miżura 6 ngħatat permezz ta' (i) id-deċiżjoni ministerjali YA 2/95156/0025 datata t-30 ta' Diċembru 2011 li kopriet l-ammont eżatt ta' EUR 30 000 000 u (ii) id-deċiżjoni ministerjali YA 2/95161/0025 datata t-30 ta' Diċembru 2011 għall-ammont eżatt ta' EUR 20 000 000.

4. **VALUTAZZJONI**

(55) Din id-Deċiżjoni tindirizza bħala punt preliminari l-kwistjoni dwar jekk Larco hijiex ditta f'diffikultà fit-tifsira tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Sussegwentement, id-Deċiżjoni se tivvaluta jekk il-miżuri li qed jiġu mistħarrġin jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat lil Larco fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u, fl-aħħar nett, jekk din l-għajnuna tistax tkun kompatibbli mas-suq intern.

4.1. **Diffikultajiet ta' Larco**

(56) Fid-Deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013 u b'mod partikolari l-premessi 18 sa 25 tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet fuq bażi preliminari li Larco kienet ditta f'diffikultà fiż-żmien meta s-sitt miżuri inkwistjoni kienu pprovduti. Id-dejta finanzjarja prinċipali ta' Larco matul il-perjodu 2007-2011 hija stabbilita fit-Tabella:

Dejta finanzjarja prinċipali ta' Larco 2007-6/2012 (miljuni ta' EUR)

	2007	2008	2009	2010	2011	H1 2012 (*)
Dħul	549,3	284	98,8	239	311	154,6
Qligħ qabel it-taxxa	23	– 116	– 105	6,4	6,5	– 12,2
Kapital irreġistrat	163,8	163,8	109	109	109	109
Ekwità proprja	104	– 0,4	– 35	– 31	– 26	– 39
Dejn Totali	141,2	230,1	233,9	261,8	262,7	326,0
Dejn/Ekwità (proporzjon)	1,3	– 575,0	– 6,6	– 8,3	– 10,1	– 8,4

(*) Dejta ppreżentata minn HRADF.

(57) Il-punt 10(a) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jiddikjara li kumpanija b'responsabbiltà limitata hija kkunsidrata bħala f'diffikultà meta *"aktar minn nofs il-kapital irreġistrat ikun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef matul it-12-il xahar ta' qabel"*. Dan jirrifletti s-suppożizzjoni li kumpanija li tkun għaddejja minn telf kbir fil-kapital irreġistrat tagħha ma tkunx kapaċi tirkupra t-telf li kważi ċertament iwassalha biex tfalli fit-terminu qasir jew medju (kif stipulat fil-punt 9 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar).

(58) Barra minn hekk, skont il-punt 11 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, ditta tista' titqies bħala waħda f'diffikultà *"fejn ikun hemm is-sinjali tas-soltu ta' meta ditta tkun f'diffikultà, bħal żieda fit-telf, tnaqqis fid-dħul, żieda fl-inventarji tal-istokk, eċċess fil-kapaċità, tnaqqis fil-fluss ta' flus, żieda fid-dejn, żieda fl-ispejjeż tal-imgħax, u valur nett tal-assi li qed jonqos jew null"*. F'dan ir-rigward, skont il-Qorti Ġenerali, *"l-eżistenza ta' kapital proprju negattiv li […] jista' jiġi kkunsidrat bħala indikatur importanti li impriża tkun f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli"*. ([17])

([17]) Kawżi Konġunti T-102/07 *Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni* u T-120/07 *MB Immobilien u MB Systemvs il-Kummissjoni*, [2010] il-Ġabra II-585, paragrafu 106.

(59) Skont id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Larco għall-perjodu 2007-H1 2012, il-kapital irreġistrat tal-kumpanija ma naqasx b'iktar min-nofs. Madankollu, matul l-istess żmien l-ekwità proprja tal-kumpanija saret negattiva. F'każijiet preċedenti l-Kummissjoni qieset li fejn kumpanija jkollha ekwità negattiva, dan jimplika li l-kapital irreġistrat kollu ta' dik il-kumpanija ntilef u hemm suppożizzjoni *a priori* li l-kriterji tal-punt 10(a) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar huma ssodisfati. ([18])

(60) Fil-każ ta' Larco, il-Kummissjoni tqis li l-kapital irreġistrat tagħha biss jidher li ma naqasx b'iktar minn nofs, għaliex il-kumpanija ma adottatx miżuri xierqa, kif normalment previst mil-leġiżlazzjoni Griega. ([19]) Tali miżuri xierqa għandhom l-għan li jrendu l-ekwità proprja tal-kumpanija minn negattiva għal pożittiva u, fl-istess ħin, li jżiduha għal livell adegwat. Tali miżuri xierqa jistgħu jkunu jew il-kapitalizzazzjoni tat-telf jew żieda fil-kapital jew it-tnejn.

(61) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra li kapitalizzazzjoni tat-telfiet kienet tirriżulta fit-telf tal-kapital kollu rreġistrat tal-kumpanija, peress li t-telf akkumulat kien ogħla mill-kapital irreġistrat. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li l-kriterji fil-punt 10 (a) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ġew issodisfati f'dan il-każ mill-2008.

(62) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterji fil-punt 11 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, Larco ġarrbet tnaqqis sinifikanti fid-dħul mill-2007 sal-2009 u telf sinifikanti fl-2008 u fl-2009, b'ammont totali ta' EUR 221 miljun (EUR 116 miljun u EUR 105 miljun rispettivament). Fl-2010 u l-2011, il-kumpanija kienet żiedet id-dħul u l-qligħ, imma dawn iż-żidiet ma kinux biżżejjed biex jippermettu l-irkupru finanzjarju ta' Larco. Matul l-istess perjodu l-ekwità tagħha baqgħet negattiva u d-dejn tagħha kompla jikber. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' Larco reġgħu bdew jagħmlu telf f'H1 2012.

(63) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument tal-awtoritajiet Griegi li Larco ma kinitx f'diffikultà matul is-snin 2008 u 2009 peress li t-telf kien dovut minħabba t-tnaqqis fil-prezz tal-ferronikil.

(64) L-ewwel nett, il-fatt li tnaqqis fil-prezz tal-ferronikil wassal għal telfiet u kkontribwixxa għad-diffikultajiet ta' Larco fih nnifsu ma jimmitigax is-sejba li Larco wriet is-sinjali tas-soltu ta' meta ditta tkun f'diffikultà. Ditta b'saħħitha jkollha bżonn tadatta l-ispejjeż tagħha għal tali bidliet fil-prezz sabiex tevita t-telf.

(65) It-tieni nett, fis-snin 2008 u 2009 il-kumpanija kellha ekwità negattiva u żieda fid-dejn (żieda ta' 63 % bejn l-2007 u l-2008). Għalkemm il-prezz tal-ferronikil u d-dħul żdiedu b'mod sinifikanti wara l-2010, ir-riżultati finanzjarji sussegwenti ta' Larco jindikaw li d-diffikultajiet tagħha ippersistew. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż li t-telf tal-2008 u l-2009 kien biss ir-riżultat ta' prezzijiet baxxi tal-ferronikil.

(66) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li Larco kienet ditta f'diffikultà fit-tifsira tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar meta s-sitt miżuri inkwistjoni ġew mogħtija.

4.2. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(67) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistipula li kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, safejn tkun taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(68) Skont il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni u kif ikkonfermat mill-każistika, il-kriterju biex jiġi vvalutat jekk tranżazzjoni bejn korp pubbliku u impriża tammontax għal għajnuna mill-Istat huwa l-prinċipju tal-investitur jew il-kreditur f'ekonomija tas-suq ("MEIP" jew "MECP"). ([20]) Dan isegwi mill-prinċipju li, meta l-Istat jaġixxi fis-suq bħala operatur kummerċjali, għandu jagħmel dan b'mod komparabbli ma' operatur privat. Jekk l-Istat ma jagħmilx hekk, l-għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta. Fi kliem ieħor, il-punt ta' referenza għall-apprezzament jekk tranżazzjoni tinvolvix għajnuna mill-Istat hija jekk operatur privat li jkun f'sitwazzjoni simili jkunx ġab ruħu bl-istess mod. Bl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, kunsiderazzjonijiet mhux ekonomiċi ma jistgħux jitqiesu bħala raġunijiet għall-għotja ta' miżuri ta' appoġġ.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża C 38/07 *Arbel Fauvet Rail* (ĠU L 238, 5.9.2008, p. 27), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża C 27/10 *United Textiles* (ĠU L 279, 12.10.2012, p. 30).

([19]) Skont l-Artikolu 47 tal-Liġi Griega Nru 2190/1920, fejn l-ekwità proprja ta' kumpanija tinżel taħt 50 % tal-kapital azzjonarju tagħha, l-azzjonisti tal-kumpanija jridu jiddeċiedu, (fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena fiskali rilevanti) jekk jistralċawx il-kumpanija jew jieħdu miżuri oħrajn.

([20]) Ara, pereż., il-Kawża C-305/89, *l-Italja vs il-Kummissjoni ("Alfa Romeo")* [1991] il-Ġabra I-1603, il-paragrafi 18 u 19; Il-Kawża T-16/96 *Cityflyer Express vs il-Kummissjoni* [1998] il-Ġabra II-757, il-paragrafu 51; Il-Kawżi Konġunti T-129/95, T-2/96 u T-97/96, *Neue Maxhütte Stahlwerke u Lech-Stahlwerke vs il-Kummissjoni* [1999] il-Ġabra II-17, il-paragrafu 104; Il-Kawżi Konġunti T-268/08 u T-281/08 *Land Burgenland u l-Awstrija vs il-Kummissjoni* [2012] il-Ġabra II-0000, il-paragrafu 48.

4.2.1. *Miżura 1: Nuqqas ta' ġbir tad-dejn lill-Ministeru tal-Finanzi*

(69) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-argument tal-awtoritajiet Griegi li l-kreditu mill-OER kien kreditu privat. Skont il-liġi Griega 1386/1983 (l-Artikolu 1) ([21]) li tistabbilixxi l-OER, *"l-OER se joperaw għall-benefiċċju tal-interess soċjali u taħt is-superviżjoni tal-Istat"*. Skont l-Artikolu 3 tal-istess liġi, l-Istat kien l-uniku azzjonist tal-OER. Barra minn hekk, l-Istat kellu l-possibbiltà li jaħtar direttament il-President flimkien ma' tnejn minn tmien membri tal-Bord tad-Diretturi u, indirettament, erba' membri oħra. Skont dan ta' hawn fuq ir-riżorsi tal-OER jammontaw għal riżorsi tal-Istat u għalhekk kull kreditu mill-OER jidher li huwa imputabbli lill-Istat.

(70) L-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet Griegi turi li d-dejn ta' Larco lill-OER (sussegwentement trasferit lill-Istat) kien irrapurtat regolarment u fatturat, skont il-ftehim ta' saldu ta' dejn tal-1998 miftiehem skont il-ftehim ta' saldu ta' dejn tal-1998. Parti mid-dejn ġie miġbur, meta l-profittabilità tal-kumpanija ppermettiet. Larco għamlet investimenti matul dak il-perjodu, li naqqsu l-ħlasijiet lura, iżda dawn l-investimenti qablu fuqhom il-krediturі kollha. Skont il-ftehim, il-krediturі ma kinux intitolati għall-ebda eżekuzzjoni furzata tad-dejn pendenti.

(71) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konklużż li l-Miżura 1 ikkonformat mal-MECP, peress li l-Istat, bħala kreditur, aġixxa b'mod komparabbli ma' dak ta' kreditur privat, minħabba li uża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu u fi ħdan il-qafas miftiehem kuntrattwalment, sabiex jiġbor id-dejn tiegħu.

4.2.2. *Miżura 2: Il-garanzija tal-Istat tal-2008*

(72) Garanziji mill-Istat iqiegħdu r-riżorsi tal-Istat f'riskju, minħabba li s-sejħa tagħhom tiħallas mill-baġit tal-Istat. Barra minn hekk, kull garanzija li mhijiex remunerata b'mod xieraq tinvolvi telf ta' riżorsi finanzjarji għall-Istat. Għalhekk, il-kriterju ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat huma ssodisfati għal din il-miżura u dan mhuwiex ikkontestat mill-awtoritajiet Griegi.

(73) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument tal-awtoritajiet Griegi li l-kundizzjonijiet tat-taqsima 3.2 tal-Avviż tal-Garanzija huma ssodisfati. Il-Kummissjoni stabbiliet li Larco kienet ditta f'diffikultà fl-2008. Barra minn hekk, il-primjum ta' garanzija annwali ta' 1 % ma jistax jitqies li jirrifletti r-riskju ta' inadempjenza għas-self garantit, minħabba d-diffikultajiet finanzjarji sinifikanti ta' Larco u b'mod partikolari l-proporzjon għolja tagħha tad-dejn malekwità.

(74) Il-Kummissjoni tqis li kreditur tas-suq raġonevoli ma kienx jipprovdi lil Larco b'garanzija taħt dawn il-kundizzjonijiet. Peress li l-miżura ġiet provduta b'mod selettiv lil Larco, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanzija tal-Istat tal-2008 provdiet vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju.

(75) Larco hija attiva f'settur li fih il-prodotti huma nnegozjati bejn l-Istati Membri u hija nnifisha tesporta l-maġġoranza tal-produzzjoni tagħha lejn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, hemm it-tħaffir għan-nikil, it-tidwib u l-irfinar f'sitt Stati Membri minbarra l-Greċja, jiġifieri fl-Awstrija, il-Finlandja, Franza (il-Kaledonja Ġdida), Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit ([22]). In-nikil jiġi nnegozjat fi kważi l-Istati Membri kollha ([23]).

(76) Il-miżuri inkwistjoni jippermettu lil Larco li tkompli topera biex, b'differenza minn kompetituri oħra b'diffikultajiet finanzjarji, ma jkollhiex għalfejn taffaċċja l-konsegwenzi normalment imnissla mir-riżultati finanzjarja diffiċli tagħha. Dan jgħawweġ il-kompetizzjoni minħabba li kumpaniji oħra attivi fl-istess swieq jeħtieġu li joperaw mingħajr din l-għajnuna mill-Istat.

(77) Għalhekk, huwa konklużż li l-Miżura 2 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna hija daqs l-ammont tas-self garantit, peress li huwa dubjuż li Larco, minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi tagħha, kienet issib kwalunkwe finanzjament fis-suq irrispettivament mill-kundizzjonijiet. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni tqis li Larco rċeviet vantaġġ daqs l-ammont tas-self garantit, minħabba li mingħajr il-garanzija mill-Istat ma kinitx tkun kapaċi tirċievi finanzjament mis-suq.

(78) Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni li tindika li l-garanzija ġiet attivata.

4.2.3. *Miżura 3: Iż-żieda kapitali tal-2009*

(79) Il-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żieda fil-kapital azzjonarju ta' Larco tal-2009 tinvolvi riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lill-Istat. B'hekk, dan il-kriterju huwa ssodisfat u mhux ikkontestat mill-awtoritajiet Griegi.

([21]) Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Ellenika, FEK A-107 — 06.07.1994.
([22]) Sorsi: Sors: British Geological Survey, European Mineral Statistics 2006-2010, http://www.bgs.ac.uk/; kif ukoll in-Nickel Institute, http://www.nickelinstitute.org
([23]) Sors: British Geological Survey, European Mineral Statistics 2006-2010, http://www.bgs.ac.uk/.

(80) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda evidenza konvinċenti mill-awtoritajiet Griegi li tiġġustifika l-argument tagħhom li l-Istat aġixxa bħala investitur fis-suq raġonevoli. Tabilħaqq, il-minuti tal-laqgħat tal-azzjonisti pprovduti bħala evidenza ma jissuġġerux li l-ebda pjan ta' ristrutturar ma kien ipprovdut lill-azzjonisti qabel iż-żieda tal-kapital, minkejja li Larco hija ditta f'diffikultà. Barra minn hekk, l-ammont finali taż-żieda tal-kapital eventwalment ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ekwità negattiva ta' Larco u għalhekk ma jistax jitqies bħala miżura li tipproteġi l-valur tal-kumpanija u li tappoġġa r-ristrutturar tagħha.

(81) Fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' NBG, il-Kummissjoni tfakkar il-kjarifika tal-Qorti li "*s-simultanjetà waħedha, anki fil-preżenza ta' investimenti privati sinifikanti, ma tistax tkun suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ma kienx hemm għajnuna fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE mingħajr ma jittieħdu in kunsiderazzjoni l-fatti rilevanti l-oħra jew il-punti tal-liġi*" ([24]).

(82) Fil-fatt, il-parteċipazzjoni parzjali ta' NBG ma tistax tintuża bħala evidenza ta' konkomitanza bejn l-Istat u l-azzjonisti privati minħabba li NBG kien espost għal Larco mhux biss bħala azzjonist, iżda wkoll bħala kreditur. Id-deċiżjoni tiegħu li jipparteċipa parzjalment fiż-żieda tal-kapital kienet għalhekk mezz biex jipproteġi mhux biss il-valur tal-investiment tiegħu iżda wkoll il-pożizzjoni tiegħu bħala kreditur.

(83) Barra minn hekk, l-Istat kien diġà pprovda lil Larco bil-garanzija mill-Istat tal-2008. B'hekk, kif stabbilit mill-każistika rilevanti, id-dispożizzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali tal-2009 ma tistax titqies b'mod iżolat, iżda trid tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' miżuri oħra ta' għajnuna. ([25])

(84) Fl-aħħar nett, il-minuti tal-laqgħat tal-azzjonisti ma jappoġġawx l-argument tal-awtoritajiet Griegi li l-intenzjoni ta' PPC kienet li tippermetti lill-Istat maġġoranza kbira tal-parteċipazzjoni azzjonarja. Minflok, PPC sempliċement iddikjarat li hija ma kinitx se tipparteċipa fiż-żieda fil-kapital azzjonarju.

(85) B'hekk, il-Kummissjoni tqis li investitur tas-suq raġonevoli ma kienx jipparteċipa fiż-żieda fil-kapital azzjonarju lil Larco taħt dawn il-kundizzjonijiet. Peress li l-miżura ġiet ipprovduta b'mod selettiv lil Larco, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żieda tal-kapital tal-2009 ipprovdiet lill-benefiċjarju b'vantaġġ selettiv.

(86) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 75-76 ta' hawn fuq, il-miżura għandha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni.

(87) B'hekk, huwa konkluż li l-miżura 3 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Peress li mhuwiex ikkontestat li l-Istat eżerċita d-drittijiet sħaħ tiegħu għaż-żieda fil-kapital azzjonarju [mhux ċar], il-valur tal-Miżura 3 jammonta għal EUR 44 999 999,40.

(88) Fir-rigward tad-data tal-għotja, mill-minuti tal-laqgħa tal-14 ta' Mejju 2009 tal-azzjonisti jirriżulta li l-Istat Grieg ipprovda EUR 15 000 000 għaż-żieda tal-kapital fil-15 ta' April 2009, ([26]) bil-ħsieb għall-kontribuzzjoni tal-Istat għaż-żieda fil-kapital azzjonarju[mhux ċara], li ammontat għal EUR 44 999 999,40. Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni dwar id-data li fiha l-ammont li jifdal tal-kontribuzzjoni tal-Istat għal żieda fil-kapital azzjonarju tal-Kumpanija ġie mogħti.

4.2.4. *Miżura 4: Il-garanzija tal-Istat tal-2010*

(89) Għall-istess raġunijiet bħall-Miżura 2, il-kriterju tar-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat huma ssodisfati għal Miżura 4 u dan ma ġiex ikkontestat mill-awtoritajiet Griegi.

(90) Il-Kummissjoni tagħraf li tista' tkun prattika kummerċjali komuni għall-azzjonisti li jipprovdu garanziji f'ċirkustanzi simili għal dan il-każ. Madankollu, peress li l-NBG kien ukoll azzjonist ta' Larco, il-Kummissjoni tqis li huwa normali għall-azzjonisti li jaqsmu proporzjonalment l-esponiment li jirriżulta mill-garanzija in kwistjoni. Minflok, l-Istat assuma r-riskju kollu, filwaqt li pprovda garanzija għal dejn, filwaqt li Larco kienet f'diffikultà u diġà kellu żieda fid-dejn.

(91) Fir-rigward tal-Miżura 2, il-kundizzjonijiet tat-taqsima 3.2 tal-Avviż tal-Garanzija ma ġewx issodisfati għal din il-miżura lanqas, peress li primjum ta' 2 % ma jistax jitqies li jirrifletti r-riskju tal-inadempjenza ta' Larco.

([24]) Il-kawża T-565/08 *Corsica Ferries vs il-Kummissjoni*, sentenza tal-11 ta' Settembru 2012, paragrafu 122.
([25]) Il-Kawżi Konġunti C-399 10 P u C-401 10 *P Bouygues SA, Bouygues Télécom SA vs il-Kummissjoni*, u l-Kawża T-11/95 *BP Chemicals vs il-Kummissjoni* [1998], il-paragrafu 171.
([26]) Permezz tad-dokument Οικ2/27694/0025 tal-Ministeru tal-Finanzi.

(92) B'hekk, il-Kummissjoni tqis li kreditur tas-suq raġonevoli ma kienx jipprovdi lil Larco b'garanzija taħt dawn il-kundizzjonijiet. Peress li l-miżura ġiet provduta b'mod selettiv lil Larco, il-Kummissjoni tikkonkludi li pprovdiet vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju.

(93) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 75-76 ta' hawn fuq, il-miżura għandha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni.

(94) B'hekk, huwa konklużż li l-miżura 4 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-għajnuna huwa ugwali għall-ammont garantit, għaliex huwa ċar li, irrispettivament mill-kundizzjonijiet, l-ebda parteċipant fis-suq raġonevoli ma kien ikun kapaċi jiggarantixxi dan l-ammont lil Larco, minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi tagħha. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni tqis li Larco rċeviet vantaġġ ugwali għall-ammont garantit, minħabba li mingħajr il-garanzija mill-Istat ma kinitx tkun kapaċi tirċievi finanzjament mis-suq.

(95) Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni li tindika li l-garanzija ġiet attivata.

4.2.5. *Miżura 5: Ittri ta' garanzija minflok ħlas bil-quddiem ta' taxxa addizzjonali fl-2010*

(96) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kjarifiki mogħtija mill-awtoritajiet Griegi rigward l-isfond fattwali ta' Miżura 5.

(97) Fid-dawl tal-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni taqbel li d-dritt li l-ħlas minn qabel tat-taxxa addizzjonali jiġi mibdul b'ittri ta' garanzija kien mogħti lil Larco mill-qorti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, li kieku kien japplika għal kwalunkwe kumpanija f'sitwazzjoni simili. Għalhekk, huwa konklużż li l-Miżura 5 ma kinitx tinvolvi vantaġġ selettiv lil Larco.

4.2.6. *Miżura 6: Il-garanziji tal-Istat tal-2011*

(98) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kjarifiki mogħtija mill-awtoritajiet Griegi fir-rigward tal-isfond fattwali tal-Miżura 6.

(99) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-awtoritajiet Griegi li l-Miżura 6 ma tinvolvix riżorsi tal-Istat. L-ewwel nett, kif spjegat fir-rigward tal-Miżura 2, il-garanziji mill-Istat iqiegħdu r-riżorsi tal-Istat f'riskju, minħabba li s-sejħa tagħhom titħallas mill-baġit tal-Istat. Barra minn hekk, kull garanzija li mhijiex remunerata b'mod xieraq bi primjum tas-suq tinvolvi telf ta' riżorsi finanzjarji għall-Istat. Barra minn hekk, l-argument dwar id-dejn pendenti ta' EUR 60 miljun ta' VAT jidher kontradittorju għall-kummenti pprovduti fir-rigward tal-Miżura 5, fejn l-awtoritajiet Griegi argumentaw li huma legalment u intenzjonalment ma rritornawx lura l-VAT dovut, sabiex jikkumpensaw is-sospensjoni tal-ħlus bil-quddiem tat-taxxa addizzjonali.

(100) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kriterju ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat huwa ssodisfat għal din il-miżura.

(101) B'mod simili għall-Miżuri 2 u 4, il-kundizzjonijiet tat-taqsima 3.2 tal-Avviż tal-Garanzija ma jiġux issodisfati għal din il-miżura lanqas.

(102) B'hekk, il-Kummissjoni tqis li kreditur tas-suq raġonevoli ma kienx jipprovdi lil Larco b'garanzija taħt dawn il-kundizzjonijiet. Peress li l-miżura ġiet provduta b'mod selettiv lil Larco, il-Kummissjoni tikkonkludi li pprovdiet vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju.

(103) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 75-76 ta' hawn fuq, il-miżura għandha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni.

(104) Għalhekk, huwa konklużż li l-Miżura 6 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Fir-rigward tal-Miżura 2, l-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-għajnuna huwa ugwali għas-selfiet garantiti, peress li huwa dubjuż li Larco, minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi tagħha, kienet issib kwalunkwe finanzjament fis-suq irrispettivament mill-kundizzjonijiet.

(105) Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni li tindika li l-garanzija ġiet attivata.

4.2.7. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(106) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-Miżuri 1 u 5 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, filwaqt li l-Miżuri 2, 3, 4 u 6 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(107) B'hekk, l-għajnuna mill-Istat fil-forma tal-Miżura 2 tammonta għal EUR 30 000 000, mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2008. L-għajnuna mill-Istat fil-forma tal-Miżura 3 tammonta għal EUR 44 999 999,40, iżda d-dati tal-għotjiet jeħtieġu li jkunu ċċarati mill-awtoritajiet Griegi. L-għajnuna mill-Istat fil-forma tal-Miżura 4 tammonta għal EUR 10 820 824,95, mogħtija fl-10 ta' Mejju 2010 u l-għajnuna mill-Istat totali fil-forma tal-Miżura 6 tammonta għal EUR 50 000 000 (li tirriżulta minn EUR 30 000 000 + EUR 30 000 000) mogħtija fit-30 ta' Diċembru 2011.

4.3. **Għajnuna illegali**

(108) Il-Miżuri 2, 3, 4 u 6 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u ġew mogħtija bi ksur tan-notifika u tal-obbligi standstill stabbiliti fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. B'hekk, dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali.

4.4. **Kumpatibbiltà tal-għajnuna**

(109) Safejn ċerti miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-kompatibbiltà tagħhom għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu.

(110) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa kompitu tal-Istat Membru li jinvoka raġunijiet possibbli ta' kompatibbiltà u li juri li l-kundizzjonijiet għal tali kompatibbiltà jintlaħqu. ([27])

4.4.1. *Kompatibbiltà tal-miżuri 2, 4 u 6*

(111) Għall-Miżuri 2 u 4 l-awtoritajiet Griegi ma invokaw l-ebda raġuni possibbli ta' kompatibbiltà, għaliex huma argumentaw li l-miżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(112) Minħabba li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dawn għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u b'mod partikolari skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, peress li Larco kienet ditta f'diffikultà tal-anqas mill-2008. Skont il-punt 20 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, "*ditta f'diffikultà ma tistax titqies bħala strument xieraq biex jiġu promossi għanijiet oħra ta' politika pubblika sakemm tkun assigurata l-vijabilità tagħha. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna lil ditti f'diffikultà tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi mingħajr ma taffettwa ħażin il-kummerċ f'livell kuntrarju għall-interess tal-Komunità biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida jkunu ssodisfati.*"

(113) Madankollu, il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar (it-taqsima 3.1.) mhumiex ssodisfati f'dan il-każ. Il-garanziji ma kinux mitmuma wara sitt xhur u l-awtoritajiet Griegi ma nnotifikawx pjan ta' ristrutturar li jirrestawra l-vijabbiltà tal-kumpanija, filwaqt li ma kienx hemm miżuri ta' kumpens implimentati sabiex jittaffew id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda evidenza li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu meħtieġ, l-aktar permezz ta' kontribuzzjoni proprja sinifikanti tal-benefiċjarju tal-għajnuna. L-awtoritajiet ma pprovdewx pjan ta' likwidazzjoni.

(114) Fir-rigward tal-Miżura 6, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li kienet kompatibbli mal-Qafas Temporanju u l-iskema ta' garanzija temporanja u f'kull każ li hija kkwalifikat bħala għajnuna ta' salvataġġ.

(115) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argumenti tal-awtoritajiet Griegi. Hija tqis li l-kundizzjonijiet tal-Qafas Temporanju u l-iskema ta' garanzija temporanja ma ġewx issodisfati, peress li Larco kienet ditta f'diffikultà. L-ammont totali taż-żewġ garanziji qabżu il-kont tal-pagi annwali tal-Larco, il-garanzija qabżet 90 % tas-self u 1 % p.a. ma setax jitqies bħala primjum tas-suq, li jirrifletti r-riskju ta' inadempjenza għall-ammont garantit.

(116) Fir-rigward tal-argument li l-miżura kienet tammonta għal għajnuna ta' salvataġġ, għalkemm il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet mal-awtoritajiet Griegi dwar Larco mill-2011, l-awtoritajiet qatt ma semmew li l-garanziji tal-2011 għandhom jitqiesu bħala għajnuna ta' salvataġġ u qatt ma pprovdew l-ebda notifika għal dan il-fatt. Fil-fatt, fit-tweġiba tagħhom tas-16 ta' Marzu 2012 għall-kwestjonarju, l-awtoritajiet Griegi espliċitament iddikjaraw li l-kumpanija ma kinitx ibbenefikat minn għajnuna ta' salvataġġ u/jew ristrutturar għal dawn l-aħħar 10 snin.

([27]) Il-Kawża C-364/90, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, [1993] il-Ġabra I-2097, il-paragrafu 20.

(117) Il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar mhumiex issodisfati f'dan il-każ lanqas. Il-garanziji tal-2011 ma ġewx itterminati wara sitt xhur u l-awtoritajiet Griegi ma nnotifikawx pjan ta' ristrutturar jew pjan ta' likwidazzjoni. Il-pjan tan-negozju li jiġġustifika l-bżonn ta' EUR 30 miljun għall-investimenti ma jistax jifforma l-bażi ta' pjan ta' ristrutturar kompatibbli għall-finijiet tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Dan huwa għaliex dak il-pjan ma kellux l-għan li jirkupra l-vijabbiltà tal-kumpanija, u kien hemm l-ebda miżura kompensatorja prevista jew implimentata sabiex jittaffew id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu meħtieġ, l-aktar permezz ta' kontribuzzjoni proprja sinifikanti tal-benefiċjarju tal-għajnuna. L-awtoritajiet ma pprovdewx pjan ta' likwidazzjoni lanqas.

(118) Il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda raġuni oħra possibbli għall-kompatibbiltà tal-Miżuri 2, 4 u 6.

(119) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-Miżuri 2, 4 u 6 huma inkompatibbli mas-suq intern.

4.4.2. *Kompatibbiltà tal-miżura 3*

(120) L-awtoritajiet Griegi ma identifikaw l-ebda raġuni possibbli għall-kompatibbiltà tal-Miżura 3, għaliex huma argumentaw li l-miżura ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(121) Minħabba li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, din għandha tiġi vvalutata fir-rigward tal-kompatibilità tagħha skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 112 ta' hawn fuq. Madankollu, il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar mhumiex issodisfati f'dan il-każ lanqas. L-awtoritajiet Griegi ma nnotifikawx pjan ta' ristrutturar li jirkupra l-vijabbiltà tal-kumpanija, u ma kienx hemm miżuri ta' kumpens implimentati sabiex jittaffew id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda evidenza li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu meħtieġ, l-aktar permezz ta' kontribuzzjoni proprja sinifikanti tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

(122) Il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda raġuni oħra possibbli għall-kompatibbiltà ta' din il-miżura.

(123) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li l-Miżura 3 hi inkompatibbli mas-suq intern.

4.5. **Irkupru**

(124) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern. ([28]) Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jannulla għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel. ([29]) F'dan il-kuntest, il-Qorti ddeċidiet li dan l-objettiv jintlaħaq meta r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu minflok il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tkun ġiet irkuprata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna. ([30])

(125) F'konformità mal-ġurisprudenza, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([31]) stabbilixxa li *"fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju […]"*.

(126) B'hekk, minħabba li l-miżuri in kwistjoni ma kinux innotifikati lill-Kummissjoni, bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat u huma, għalhekk, meqjusa bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, iridu jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma ngħataw. L-irkupru għandu għalhekk ikopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv tagħha u s-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax sal-irkupru effettiv.

5. **KONKLUŻJONI**

(127) Il-Miżuri 1 u 5 ma jikkostitwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(128) Il-Greċja implimentat illegalment il-Miżuri 2, 3, 4 u 6 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([28]) Ara l-Kawża C-70/72 *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [1973] il-Ġabra 813, il-paragrafu 13.
([29]) Ara l-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* [1994] il-Ġabra I-4103, il-paragrafu 75.
([30]) Ara l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* [1999] il-Ġabra I-3671 il-paragrafi 64 u 65.
([31]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

(129) B'mod partikolari, il-Miżuri 2, 4 u 6 (il-garanziji tal-Istat tal-2008, l-2010 u l-2011)) favur Larco kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u kienu inkompatibbli mas-suq intern, għax il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ma ntlaħqux u ma ġew identifikati l-ebda raġunijiet oħra ta' kompatibilità.

(130) Il-Miżura 3 (il-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żieda tal-kapital tal-2009 ta' Larco) ukoll kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u ma kinitx kompatibbli mat-Trattat, minħabba li l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ma ntlaħqux u l-ebda bażi ta' kompatibbiltà oħra ma ġiet identifikata.

(131) Il-Kummissjoni tinnota li l-Greċja qablet li din id-deċiżjoni preżenti tiġi adottata fil-lingwa Ingliża.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-nuqqas ta' ġbir tad-dejn lill-Ministeru tal-Finanzi u l-ittri ta' garanzija minflok ħlas bil-quddiem ta' taxxa addizzjonali fl-2010, li l-Greċja implimentat għal Larco, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 2

L-għajnuna mill-Istat li tammonta għal EUR 135 820 824,35 fil-forma ta' garanziji mill-Istat lil Larco General Mining & Metallurgical Company S.A. fl-2008, l-2010 u l-2011 u l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda fil-kapital tal-kumpanija fl-2009, mogħtija llegalment mill-Greċja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

1. Il-Greċja tiġbor lura l-għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 2 mingħand il-benefiċjarju.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġibu imgħax mid-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sakemm ikunu ġew fil-fatt irkuprati.

3. L-imgħax jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([32]), kif immodifikat.

4. Fir-rigward tal-miżura 3, il-Greċja tipprovdi d-data(i) eżatta(i) meta pprovdiet il-kontribuzzjoni tagħha għaż-żieda fil-kapital azzjonarju tal-2009.

5. Il-Greċja tikkanċella l-pagamenti kollha pendenti tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Greċja tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Greċja tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont totali (prinċipal u imgħaxijiet ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni fid-dettall tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju jkun ġie ordnat li jirritorna l-għajnuna.

([32]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1)

2. Il-Greċja żżomm lill-Kummisjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 ikun ikkompletat. Hija tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex tinkiseb konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħax ta' rkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

ANNESS

INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI TA' GĦAJNUNA RIĊEVUTI, LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI U LI DIĠÀ ĠEW IRKUPRATI

Identità tal-benefiċjarju — miżura	Ammont totali tal-għajnuna riċevuta	Ammont totali tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata (Kapital)	Ammont totali diġà rimborżat	
			Kapital	Imgħax tal-irkupru
Larco — miżura 2	30 000 000	30 000 000	0	0
Larco — miżura 3	44 999 999,40	44 999 999,40	0	0
Larco — miżura 4	10 820 824,95	10 820 824,95	0	0
Larco — miżura 6	50 000 000	50 000 000	0	0